**10 ta' Marzu, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Inez sive Agnes Galea
*versus*
Mary Buttigieg et.

**Wirt — Likwidazzjoni u Diviżjoni — Art. 949 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk f'kawża ta' diviżjoni ta' beni ereditarji t-talba tikkomprendi l-wirt u s-sustanzi komponenti l-patrimonju ereditarju, oġġett tal-kawża huwa l-"universum jus" imħolli mit-testtur, u mhux xi oġġetti jew beni partikulari tal-eredità; għalhekk l-azzjoni eżerċitata mhijiex dik "comuni dividundo", imma dik "familiae erciscundae", b'mod li, wara li ssir id-diviżjoni hekk mitluba, jispiċċa għal kollox id-dritt ereditarju fih innifsu, u d-diviżjoni ma tkunx tista' tintalab in konnessjoni mal-wirt.*

*Xejn ma jiswa biex iwaqqa' dan il-prinċipju l-fatt illi ma tkunx intalbet ukoll il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-passiv ereditarju; għax id-domanda għal-likwidazzjoni tal-assi tfisser il-formazzjoni tal-istat ġenerali tal-assi, li jikkomprendi tant l-attiv kemm il-passiv tal-eredità.*

*U ladarba d-diviżjoni tal-wirt ma tkunx saret, hija l-azzjoni "familiae erciscicundae" dik li l-ko-eredi jeżerċita biex jitlob id-diviżjoni tas-singoli beni ereditarji.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li

ppremettiet illi l-kontendenti, bħala eredi testamentarji tal-mejta Giuseppa Farrugia (dok. A), jippossjedu in komun, fil-kwota ta' settimu (1/7) kull wieħed jew waħda minnhom, il-proprjetà li tinsab indikata fl-anness prospett markat Dok. B; u peress li l-attriċi ma tridx tibqa' in komunjoni mal-konvenut; talbet (1) li din il-Qorti tiddikjara li l-assi tad-decujus Giuseppe Farrugia, li jmiss lill-kontendenti bħala eredi tagħha, jikkonsisti fil-proprjetà kif indikata fil-prospett dok. B u fi kwalunkwe beni oħra li talvolta jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) li l-imsemmi assi hekk likwidat jiġi diviż f'sebgħa porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati lill-kontendenti; (3) jekk l-imsemmija diviżjoni mhix possibbli, tiġi ordnata l-liċitazzjoni tal-istess proprjetà, liema liċitazzjoni għandha ssir anki b'offerti estranei, u l-prezz rikavabbli jiġi żbankat mill-kontendenti fi proporzjonijiet ugwali, ċjoè settimu (1/7) kull wieħed; (4) u jiġi nominat perit arkitett biex jagħmel stima tal-istess stabili, nutar biex jirċievi l-opportun att tad-diviżjoni, u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, barra Mary Buttigieg, li biha ssottomettew illi, kif formulati, id-domandi attriċi huma nsostenibbli, peress li l-oġġetti u l-beni ndikati fid-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni jiffurmaw parti mill-assi ereditarju tal-ġenituri tal-kontendenti, li għadu mhux likwidat u firmat skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali eċċepita mill-konvenuti;

Illi l-attriċi bdiet biex tippremetti fiċ-ċitazzjoni illi l-kontendenti, bħala eredi testamentarji ta' Giuseppe Farrugia, jippossjedu flimkien il-proprjetà ndikata fil-prospett eżibit; u mbgħad talbet ukoll illi l-assi tad-decuius, li jmiss lil kontendenti bħala eredi tagħha, jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-proprjetà fuq riferita u fi kwalunkwe beni oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, jiġifieri l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Giuseppa Farrugia; u talbet ukoll

illi l-istess assi, hekk likwidat, jiġi diviż f'sebgħa porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti;

Min dan jidher illi l-attriċi qegħdha tikkomprendi fil-kawża l-wirt ta' Giuseppa Farrugia u s-sustanzi kollha komponenti l-patrimonju ereditarju, u għalhekk oġġett tal-kawża mhumiex xi beni jew oġġetti partikulari, iżda l-"Universum Jus" imħolli mid-decujus; u konsegwentement hija qegħdha teżerċita, mhux l-azzjoni "de comuni dividundo", kif jippretendu l-konvenuti, imma l-azzjoni "familiae erciscundae", kif issostni l-attriċi; b'mod li, wara li ssir id-diviżjoni mitluba, jispiċċa għal kollox id-dritt ereditarju fih innifsu, u d-diviżjoni ma tkunx tista' tintalab in konnessjoni mal-wirt;

A propożitu, Pothier jikkommenta din id-differenza mill-azzjoni "de comuni dividundo", u jagħti bħala raġuni illi "questa azione (i.e. 'familiae erciscundae') è concessa per la divisione del diritto stesso di eredità piuttosto che per quella delle cose ereditarie. Il suo scopo è di far cessare la comunione dell'eredità. Laonde, se fu una volta promossa, l'eredità ha già cessato di essere comune. Altrimenti l'azione sarebbe stata inutile; e se l'eredità non è più comune, essa è divisa. e non è più suscettibile di divisione" (Pandette, Libro X, Titolo III, p. XVII, nota (1) in calce);

Illi, għal issa, ma tiswiex l-allegazzjoni tal-konvenuti illi l-oġġetti u l-beni msemmija fiċ-ċitazzjoni jiffurmaw parti mill-assi ereditarju tal-ġenituri tal-kontendenti; għaliex dan jinsab eskluż mill-attriċi, u s'issa ma saret ebda prova tal-imsemmija allegazzjoni; anzi mill-inventarju tal-assi ta' Giuseppa Farrugia, magħmul mill-istess konvenut Giuseppe Farrugia, eżekutur testamentarju tagħha (li kopja tiegħu tinsab eżibita a fol. 16) u mix-xhieda tal-konvenuta Mary Buttigieg (fol. 27), ġie pruvat il-kuntrarju;

Illi lanqas jiswa li, kif jgħidu l-konvenuti, l-attriċi ma talbetx il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-passiv tal-wirt; għaliex id-domanda għal-likwidazzjoni tal-assi tfisser il-formazzjoni tal-istat ġenerali tal-beni (art. 949 Kod. Ċiv.),

li skond l-interpretazzjoni kostanti jikkomprendi tant l-attiv kemm il-passiv tal-eredità, li, *kif inhu magħruf*, tikkostitwixxi "universum jus";

Illi fl-aħħarnett, ladarba, 'ex admissis', id-diviżjoni talwirt ta' Giuseppa Farrugia għadha ma saritx, ta' min jaddotta l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Firenze fis-17 ta' Awissu 1876, in re "Lorenzi vs. Pieri", jiġifieri illi "è azione 'familiae erciscundae', u non 'comuni dividundo' quella che promuove il co-erede domandando la divisione dei singoli beni ereditari, se non consta che sia avvenuta la divisione della eredità" (*Fadda*, Giurisp. Cod. Cic. Ital., art. 984-986, p. 416);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-preġudizzjali opposta mill-konvenuti eċċipjenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tiddifferixxi l-kawża għat-8 ta' April 1960, biex titkompla skond il-liġi.